TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 63/14-F

**Thomas Pirotta**

**vs**

**GO P.l.c.**

Illum 24 ta' Ġunju, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 ta' April, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija, u ħamsa u sebgħin ewro (€175), rappreżentanti kontijiet tal-GO li ma riedx iħallashom stante li r-*router* tal-kuntratt għamel xi żmien ma jaħdimx.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa abbona għal servizz ta' sentejn b'*router wireless* ta' l-internet, fejn kien hemm diversi ħsarat u ma ħadimx, u fl-aħħar xhur ma baqax jiffunzjona.

Is-soċjeta' ntimata fir-risposta tagħhom issottomettew illi la l-ittra ta' l-avukat ma waslitilhom u kif ukoll lanqas id-*device* qatt ma wasal għandhom u probabbli kien ikun iċċekkjat imma mhux imsewwi.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota u qed jagħmilha ċara li mhix skuża li rappreżentanti tal-GO jidhru quddiem it-Tribunal u ma jkunux jafu x'qed jiġri, la minħabba l-kwistjoni ta' l-ittra ta' l-avukat u la minħabba l-kwistjoni jekk issewwa jew x'inhu probabbli jekk ġie iċċekkjat. Illi jridu jkunu jafu sewwa l-fatti ta' x'qed jiġri jekk qed ikunu rappreżentanti quddiem it-Tribunal.

Għaldaqstant it-Tribunal, qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' mija u ħamsa u sebgħin ewro (€175), u b'dan illi l-kuntratt jiġi itterminat, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888